

Brussell, 27 ta' April 2026
(OR. en)

07986/26

ECOFIN 417
UEM 128
STATIS 21
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv
Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(b)(ii) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tal-20 ta' Marzu 2026,

¹ ĠU L 73, 15.3.2008, p.13, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2008/234\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2008/234(1)/oj).

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Jannar 2024², il-Kunsill ħatar lis-Sa Ylva HEDÉN WESTERDAHL bħala l-membru li tirrappreżenta lill-Kunsill fil-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika għal mandat ta' ħames snin.
- (2) Ir-rappreżentant tal-Kunsill fil-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, is-Sa Ylva HEDÉN WESTERDAHL, irriżenjat fit-18 ta' Diċembru 2025.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar membru ġdid li jirrappreżenta lill-Kunsill għall-bqija tal-mandat, li jintemm fl-10 ta' Frar 2029. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 2024 li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika li jirrappreżenta lill-Kunsill (ĠU C, C/2024/1454, 8.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1454/oj>).

Artikolu 1

Is-Sur Robert KIRCHNER huwa b'dan maħtur bħala l-membru li jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika sal-10 ta' Frar 2029.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President